MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 145/2008

**Anthony Caruana & Sons Limited – C 7512**

**Vs**

**Joseph Mifsud**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ disa’ mija u tletin euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€930.28) - (Lm399.37) liema ammont huwa rapprezentanti prezz ta’ prodotti mibjugha u debitament ikkonsenjati lill-konvenut, u hija dovuta mill-istess konvenut favur is-socjetà attrici Anthony Caruana & Sons Limited (C 7512) skond l-anness *statement of account* immarkat Dok A u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' disa' mija u tletin euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€930.28) - (Lm399.37), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**Av. Peter Borg Costanzi**
Gudikatur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------